KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 16 tas-Sitt Kunsill Lokali tal-Mosta li saret fl-Uffiċċju tal-Kunsill, Ċentru Ċiviku, Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta, nhar il-Ħamis 27 ta' Diċembru 2012 fis-7.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet fis-7.55 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxiet il-laqgħa tal-Kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Shirley Farrugia | 7.30p.m. | 9.45 p.m. |
| Vici Sindku Joseph De Martino | 7.30 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Alexander Muscat | 7.55 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Abraham Bezzina | Assenti | |
| Kunsillier Dr Rachel Tua | 8.35 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | Marid | |
| Kunsillier Kirby Fenech | Assenti | |
| Kunsillier James Cassar | 7.30 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Keith Cassar | 7.35 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier David Meilak | 7.35 p.m. | 9.45 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużat | |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv , is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 15- 15 ta' Novembru 2012**

Il-minuti tal-Laqgha numru 15 li saret fil-15 ta' Novembru, 2012 ittieħdu bħala moqrija għaliex intbagħtu qabel u dawn ġew approvati unanimament mingħajr ebda korrezzjoni.

**2.00 Punti Imqajjma mill-Minuti**

2.01 Dwar Item 3.03 - Ġew ippreżentati listi ta' spejjes li saru għal- Jum il-Mosta u l-Wirja Agrarja Bidnija li saru fis-sena 2012.

2.02 Dwar item 4.00 – Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia qalet li hija kellha tirraporta lil Kunsillier l-Avv. Rachel Tua lil-Bord tal-Governanza li b'konflitt ta' interess hija kienet qed tidher bħala l-avukat difensur tas-Sur Marco Briffa fl-arbitraġġ li dan għandu kontra l-Kunsill tal-Mosta.

Il-Kunsillier Alexander Muscat qal li huwa jħoss li s-Sindku kellha żżomm kuntatt mall-Kunsillier Tua.

Is-Sindku qalet li hija, waqt il-laqgħa tal-Kunsill, kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsillier Tua darbtejn u l-Kunsillier Tua kienet spjegat li hija ma kienetx qed tirrapreżenta lis-Sur Briffa. Minkejja dan, il-Kunsillier Tua xorta waħda dehret fl-aħħar seduta fil-Qorti bħala l-avukat difensur tas-Sur Britta u għamlet il-kontro-eżami tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Mosta fejn imbarazzatu bil-mistoqsijiet tagħha għaliex huwa kien qed jidher għal-Kunsill u fl-istess ħin kien qed jiġi sottomess għal kontro-eżami minn Kunsillier tal-istess Kunsill.

F'dan il-ħin (8.35p.m.) il-Kunsillier, l-Avv. Rachel Tua waslet għall-laqgħa u qalet li hija kienet iċċċekjat il-liġijiet u sabet li ma kien kienx hemm konflitt ta' interess għaliex ma kelliex interess pekunarju f'dan il-każ għaliex hija kienet qed tagħti s-servizz legali tagħha lis-Sur Briffa bonarjament.

Is-Sindku qalet li Dott. Tua kellha tinforma lill-Kunsill qabel is-seduta għaliex fil-Laqgħat tal-Kunsill hija kienet dejjem iddikjarat li ma kelliex intenzjoni li tidher bħala avukat tas-Sur Briffa u kien biss fl-aħħar mumenti qabel seduta li hija kellha tagħmel dan għaliex oħta l-Avv. Sarah Tua kienet indisposta.

Dott. Rachel Tua qalet li hija tirriserva id-dritt li tieħu passi kontra s-Sindku għaliex din kienet qed takkużaha b'konflitt ta' interess f'dan il-każ u anke kienet għamlet dirkors ieħor kontra tagħha fi programm fuq ir-radju.

Is-Sindku kkonkludiet billi qalet li issa kien il-Bord tal-Governanza li għandu jiddeċiedi dwar dan il-każ.

2.03 Dwar Item 10.0 – Sample Survey re Refuse Collection Time – Is-Sindku qalet li skont kif kien ġie deċiż fil-Laqgħa Nru. 59 tat- 12 ta' Jannar 2012, kienu ser jiġu segwiti l-istruzjonijiet tas-Sur Anton Buhagiar li kien għamel studju fuq dan is-suġġett u s-survey xjentifiku għandu jsir skont kif titlob il-liġi.

Hija qalet li bi żvista l-avviż li kellu jsir fil-fuljett tal-Kunsill ma kienx sar.

2.04 Dwar Item 11.03 – Is-Sindku qalet li l-Kunsillier Mario Sammut kien ippublika avviż li fih informa li kienet ser issir attivita għal-anzjani filwaqt li l-approvazjoni tal-Kunsill kienet għal-attivita għal-persuni b'diżabilita u mhux għal-anzjani. L-anzjani kienu ġew mitluba jħallsu u ma ngħataw ebda rigali kif kien avżat. Hija qalet li s-Sur Sammut għandu jintalab jippreżenta rendikont ta' din l-attivita.

2.05 Il-Kunsillier Alexander Muscat staqsa jekk kienx sar xi progress dwar l-iskola taż-Żokrija. Is-Sindku informat li saru l-linji sofor fit-toroq, patching, u ġew ordnati sinjali (tabelli) tat-traffiku. Hija qalet li issa il-Kunsill qed jistenna lir-resident Cassola jinformana dwar jekk ir-residenti kienux ser jaċċettaw linji sofor quddiem u maġenb il-garaxxijiet tagħhom. Kien hemm suġġeriment li jitpoġġew tabelli (provduti mill-Kunsill) li jinformaw lis-sewwieqa sabiex ma jipparkjawx quddiem il-garaxxijiet.

2.06 Dwar Item 11.05 – Dwar it-talba għal sistema ta' One-Way fi Triq il-Barrieri u Triq ir-Rebbiegħa, ġie deċiż li l-ewwel jiġi informat is-Sur Josie Brincat ta' TM u wara jiġu nfurmati r-residenti. Sar qbil li l-Kunsill ma għandux jiddeċiedi dawn is-sistemi ta' One-Way triq separatament iżda jsir studju b'mod ħollistiku u dan skont l-espert tat-traffiku ta' Transport Malta li f'dan il-każ kien is-Sur Josie Brincat.

**3.0 Materji Finanzjarji**

**a) Approval of Councillor's Allowance**

Ġie approvat unanimament li għandu jsir l-pagament tal-allowance lill-Kunsilliera kollha wara li ġie aċċertat li l-assenteniżmu ta' xi kunsilliera kien ġustifikat. Inġibdet l-attenzjoni tal-amministrazjoni li l-pagament ma kellux jinħareġ qabel l-approvazzjoni tal-Kunsill.

**b) Installation of membrane on Council's roof**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stqarrija (annessa) fejn spjega li matul dawn ix-xhur tax-xitwa kienet qed issir ħsara irreparabli bl-ilma tax-xita li kien qed jidħol mis-saqaf tas-Sala tal-Kommunita. Huwa spjega li din il-ħsara kien ilha issir u għalkemm l-handyman kien ilu jiġbed l-attenzjoni tas-Sindku preċedenti dwar dan, qatt ma sar xejn sabiex isiru x-xogħolijiet meħtieġa. Il-hsara kienet qed issir kemm lill-istess saqaf, lis-suffett, lid-dwal u stallazjoniet ohra tas-servizzi, kif ukoll lil-pavimentar tal-injam li kien gie installat ricentement. Gara wkoll li kienu ser jigu installati kwantita ta' air-conditioners fuq il-bejt mid-Dipartiment tas-Sahha u anke pannelli fotovoltajċi ġodda mill-kunsill. Għalhekk, ix-xogħolijiet ta ' bdil tal-membrane kellu jsir b'mod urġenti. Inħarġet sejħa għal-kwotazjoni għal dan ix-xogħol u ġie appuntat kuntrattur. Meta inqalet l-membrane l-antika nstab li l-bejt ma kellux kontrabejt iżda bis-saff ta' insulazjoni poruża ħafna u għalhekk fuq parir tal-perit li kien għamel din is-sala oriġinarjament ittieħdet deċiżjoni li jsir saff ieħor ta membrane apposta (*underlay*) qabel titpoġġa l-membrane ta fuq. Dan ix-xogħol għalhekk sewa aktar milli kien maħsub meta nħarget is-sejħa għal kwotazjonijiet u għalhekk itteħdet d-deċiżjoni b'urġenza li l-kuntrattur jagħmel x-xogħol kif kien qed jiġi rrakkomandat mill-perit. Iż-żmien ma kienx jippermetti li jinħareg tender għaliex dan kien jieħu ħafna żmien u x-xogħol ma setax jistenna.

Il-Kunsill approva unanimament din id-deċiżjoni tal-amministrazzjoni tal-Kunsill.

**c) Lista tal-pagamenti**

Ġiet approvata unanimament lista ta' pagamenti Nru: 8 għal-ammont ta' €118,275. 54.

**d) Lista tal-Works Orders**

Il-lista ġiet approvata unanimament kif ippreżentata.

**e) Lista tal-Purchase Orders**

Il-lista ġiet approvata unanimament kif ippreżentata.

**f) Expense List – Jum il-Mosta**

Il-lista ġiet approvata unanimament kif ippreżentata.

**g) Expense List – Lejla Agrarja**

Il-lista ġiet approvata unanimament kif ippreżentata.

**4.00 Korrispondenza**

Qabel ma waqa l-kworum u waqfet il-laqgħa laħqet inqrat korrispondenza skont il-lista annessa minn numru 1 sa 7 u numru 9. Id-deċiżjonijiet li ttieħdu jidhru wkoll fil-lista annessa.

Dwar korrispondenza Nru: 1 fejn saret talba għal-użu tas-Sala tal-Komunita ġie deċiż li l-Kunsill għalkemm kien qed japprova din it-talba bir-rati kurrenti, l-Kunsill għandu jara li jirrevedi l-ħlasijiet mitluba għas-servizzi waqt l-użu ta' din is-sala.

Dwar korrispondenza Nru 3 - Kirja tal-Linesmen Quarters fi-Triq l-Isperanza mill-Kummissarju tal-Artijiet - Is-Sindku rraportat li għalkemm il-Kunsill talab għad-devoluzjoni ta' dan is-sit, kien jidher li d-Dipartiment tal-Artijiet kien iddeċieda li jagħti dan is-sit lill-Old Motors Club kontra x-xewqa tal-Kunsill.

**5.00 Nuqqas ta' Kworum**

Fid- 9.45 p.m. il-Kunsillier Dr. Rachel Tua irtirat mill-Laqgħa minħabba impenji ta' xogħol u ma kienx hemm kworum. Il-laqgħa kellha tigi sospiża.

Is-Sindku ddikjarat li l-kontinwazjoni tal-Laqgħa għandha ssir wara l-festi ta' l-ewwel tas-sena.

Dott Shirley Farrugia
Sindku

John J. Camilleri
Aġent Segretarju Eżekuttiv